

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 5/2015

tal-25 ta' Frar 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2016/493]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 709/2014 tal-20 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 152/2009 dwar id-determinazzjoni tal-livelli ta' diossini u poliklorobifenili ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-ġhalf. Il-leġiżlazzjoni dwar l-ġhalf ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż segwenti jidded fil-punti 31o (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009) tal-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE:

“— **32014 R 0709:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 709/2014 tal-20 ta' Ġunju 2014 (ĠU L 188, 27.6.2014, p. 1).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 709/2014 bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2015, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 188, 27.6.2014, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.